



Dokument ta' sessjoni

B9-0166/2024

8.3.2024

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar rabtiet eqreb bejn l-UE u l-Armenja u l-ħtieġa ta' ftehim ta' paċi bejn l-Azerbajġan u l-Armenja
(2024/2580(RSP))

Nathalie Loiseau, Petras Auštrevičius, Fabio Massimo Castaldo, Bernard Guetta, Karen Melchior, Dragoš Pislaru, María Soraya Rodríguez Ramos, Ramona Strugariu, Dragoš Tudorache, Hilde Vautmans
f'isem il-Grupp Renew

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar rabtiet eqreb bejn l-UE u l-Armenja u l-ħtieġa ta' ftehim ta' paċi bejn l-Azerbajġan u l-Armenja
(2024/2580(RSP))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Armenja, l-Azerbajġan u s-sitwazzjoni fin-Nagorno-Karabakh,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħħa l-oħra¹ (CEPA), li daħal fis-seħħ b'mod sħiħ fl-1 ta' Marzu 2021,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-21 ta' Settembru 2023 dwar l-iżviluppi fin-Nagorno-Karabakh u d-dikjarazzjoni tal-Kelliem tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna tad-29 ta' Settembru 2023 dwar l-ispostament tal-persuni min-Nagorno-Karabakh,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-4 ta' Ottubru 2023 dwar ir-ratifika mill-Armenja tal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-Amministrazzjoni Presidenzjali tar-Repubblika tal-Azerbajġan u l-Uffiċċju tal-Prim Ministro tar-Repubblika tal-Armenja tas-7 ta' Diċembru 2023,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni wara l-laqqha bejn il-President tal-Azerbajġan, Aliyev, il-Prim Ministro tal-Armenja, Pashinyan, il-President ta' Franza, Macron u l-President tal-Kunsill Ewropew, Michel, fi Praga fis-6 ta' Ottubru 2022,
 - wara li kkunsidra l-Karta tan-NU, l-Att Finali ta' Helsinki u d-Dikjarazzjoni ta' Alma-Ata tal-21 ta' Diċembru 1991,
 - wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma konġunt tal-persunal tad-9 ta' Frar 2024 bit-titolu “Rapport ta’ Implementazzjoni tas-Sħubija fir-rigward tal-Armenja” (SWD(2024)0041),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Armenja għaddiet minn bidliet politiċi sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, b'gvern impenjat kemm biex jiżgura l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi kif ukoll biex juża l-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ UE-Armenja (CEPA) bħala pjan ta' azzjoni għar-riformi bil-għan li jimmmodernizza l-pajjiż, minkejja sfidi konsiderevoli;
- B. billi l-UE u l-Armenja jikkondividu interress reċiproku u huma impenjati li jsaħħu u

¹ ĠU L 23, 26.1.2018, p. 4.

japrofondixxu r-relazzjonijiet tagħhom abbażi ta' valuri komuni;

- C. billi l-Gvern tal-Armenja ripetutament esprima l-interess tiegħu li jersaq eqreb lejn l-UE; billi, bi tweġiba, il-Kunsill Ewropew inkariga lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-Kummissjoni biex jesploraw modi kif isaħħu l-aspetti kollha tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Armenja;
- D. billi l-Kunsill ta' Sħubija UE-Armenja Itaqqa' għall-ħames darba fit-13 ta' Frar 2024 u qabel dwar Aġenda ta' Sħubija ġidida UE-Armenja, li tistabbilixxi prioritajiet konġunti aktar ambizzjużi għall-kooperazzjoni fl-oqsma kollha;
- E. billi r-rapport ippubblikat dan l-aħħar dwar l-implementazzjoni tas-Sħubija jiddeskrivi l-progress miksub mill-Armenja fl-implementazzjoni tas-CEPA, inkluż dwar ir-riforma tal-ġustizzja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-ħolqien ta' Ministeru għall-Intern u r-riforma tas-servizz tal-pulizija fl-Armenja, bl-appoġġ tal-UE;
- F. billi l-UE tibqa' s-sieħba ewlenija fir-riforma u l-akbar donatur ta' għajjnuna fl-Armenja;
- G. billi l-Armenja għandha prestazzjoni tajba skont il-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għas-Sħubija tal-Lvant, bi kważi EUR 500 miljun f'investimenti digħi mobilizzati f'setturi li jvarjaw minn appoġġ għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju għall-edukazzjoni;
- H. billi f'Settembru 2023, wara 9 xhur ta' imblokk illegali, l-Ażerbajġan b'mod vjolenti ħa f'idejh it-territorju tan-Nagorno-Karabakh, li rriżulta fl-ispostament furzat ta' 100 000 Armen li ħarbu lejn l-Armenja; billi l-UE pprovdiet għajjnuna umanitarja lill-persuni spostati min-Nagorno-Karabakh u dan l-aħħar ħabbret EUR 5,5 miljun addizzjonali f'għajjnuna umanitarja; billi r-Repubblika awtoproklamata ta' Artsakh waqfet teżisti fl-1 ta' Jannar 2024, wara li x-xoljiment tagħha ġie maqbul mill-awtoritajiet tagħha taħt pressjoni;
- I. billi l-Ażerbajġan għad għandu għadd ta' suldati u persuni ċivili Armeni fil-ħabs, inklużi membri tal-gvern tar-Repubblika ta' Artsakh li qabel kienet awtoproklamata; billi hemm evidenza li l-wirt kulturali Armen qed jinqed u li ċ-ċimiterji Armeni qed jiġu pprofanati mill-Ażerbajġan fin-Nagorno-Karabakh;
- J. Billi l-Armeni tan-Nagorno-Karabakh tilfu l-proprjetajiet u l-affarijiet personali tagħhom waqt li kienu qed jaħarbu mill-offensiva militari mill-Ażerbajġan u ma setgħux jirkuprawhom minn dak iż-żmien l-hawn;
- K. billi fi Frar 2023, l-UE bagħtet il-Missjoni tagħha fl-Armenja (EUMA) b'mandat li jibqa' għaddej sa Frar 2025; billi din il-missjoni għandha b'mod partikolari l-kompli li tosserva l-iż-żviluppi fil-fruntiera bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan, iżda tista' tagħmel dan biss min-naħħa tal-Armenja, peress li l-Ażerbajġan irrifjuta l-iskjerament tal-missjoni fit-territorju tiegħu, minkejja li l-EUMA kienet esklużivament ċivili u mhux armata; billi l-EUMA kienet il-mira ta' diżinformazzjoni mill-awtoritajiet tal-Ażerbajġan u mill-media kkontrollata mill-gvern; billi f'Diċembru 2023, il-Kunsill Affarijiet Barranin tal-UE qabel li jżid il-preżenza tal-EUMA fuq il-post minn 138 membru tal-persunal għal 209;

- L. billi l-Armenja u l-Azerbajjan impenjaw ruħhom f'neozjati dwar trattat ta' paċi bejn iż-żewġ pajiżi, in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tagħhom u d-delimitazzjoni tal-fruntieri kemm qabel kif ukoll wara l-kolp militari tal-Azerbajjan tan-Nagorno-Karabakh, li kien kuntrarju għall-Prinċipji ta' Madrid tal-2009 ta' rikonoxximent tal-integrità territorjali, ir-rispett għall-awtodeterminazzjoni u r-rinunzja tal-użu tal-forza; billi, bħala ġest ta' rieda tajba, l-Armenja ma opponietx l-organizzazzjoni tal-COP29 f'Baku;
- M. billi laqgħa bejn il-President tal-Azerbajjan, Aliyev u l-Prim Ministro tal-Armenja, Pashinyan, saret fi Munich fis-17 ta' Frar 2024, ospitata mill-Kanċillier Ġermaniż, Scholz, li wasslet biex jiġu skedati passi addizzjonal fin-neozjati għall-paċi;
- N. billi, madankollu, iż-żewġ naħat għadhom ma laħqux ftehim ta' paċi u ma jaqblux dwar għadd ta' kwistjonijiet, inkluż il-ftuħ ta' konnessjonijiet tat-trasport u d-delimitazzjoni u d-demarkazzjoni tal-fruntieri; billi l-Azerbajjan jitlob li kuritur li jgħaddi mill-Armenja li jgħaqqa l-Azerbajjan kontinentali maż-żona tiegħu ta' Nakhchivan, jiġi kkontrollat minn truppi tal-fruntiera Russi u mingħajr kontrolli doganali jew fil-fruntieri Armeni, u b'hekk jinjora s-sovranità tal-Armenja; billi "Crossroads of Peace" propost mill-Armenja jinkludi rabtiet bejn l-Azerbajjan kontinentali u Nakhchivan mal-kontrolli fil-fruntieri u doganali Armeni;
- O. billi, sadanittant, is-sitwazzjoni tas-sigurta għadha mimlija tensjoni, kif muri mill-inċident tat-13 ta' Frar 2024 li fih inqatlu erba' suldati Armeni u wieħed indarab minn tiri sparati mill-Azerbajjan fil-provinċja ta' Syunik fin-Nofsinhar tal-Armenja; billi fil-15 ta' Frar 2024, il-Prim Ministro tal-Armenja, Pashinyan, iddikjara li hemm kawża ta' tħassib dwar l-azzjonijiet militari ppjanati tal-Azerbajjan bl-intenzjoni li jeskalaw il-kunflitt u li jistgħu jwasslu għal gwerra sħiħa;
- P. billi t-tmexxija tal-Azerbajjan qed tkompli tagħmel dikjarazzjonijiet irredentisti b'referenza għat-territorju sovran tal-Armenja; billi f'diversi okkażjonijiet minn Mejju 2021, l-armata tal-Azerbajjan okkupat diversi partijiet tat-territorju sovran tal-Armenja, li jammontaw għal 170 km², bi ksur tal-impenji preċedenti u minkejja n-neozjati għall-paċi li għaddejjin bħalissa; billi jirrifjuta li jirtira, filwaqt li jikkwota n-nuqqas ta' demarkazzjoni tal-fruntieri bħala ġustifikazzjoni;
- Q. billi l-isforzi ta' destabilizzazzjoni li jorigħaw mir-Russia u mmirati lejn l-Armenja ilhom għaddejjin għal diversi snin; billi l-Gvern tal-Armenja ħa passi kuraġġużi, bħall-ifriżar tal-parteċipazzjoni tal-Armenja fl-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar is-Sigurta Kollettiva u s-sħubija fl-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali; billi ħafna Armeni għamlu dimostrazzjonijiet b'tifkira ta' Alexei Navalny f'Yerevan;
- R. billi Franza ddeċidiet li żżid l-appoġġ tagħha lill-Armenja billi tipprovd assistenza militari biex tgħin lill-Armenja tirriforma l-armata tagħha u tiskoraġġixxi atti militari ġodda ta' aggressjoni kontra t-territorju rikonoxxut internazzjonalment tagħha;
- S. billi l-Armenja ripetutament talbet lill-UE tinkludi l-pajjiż fost il-benefiċjarji tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi;
- T. billi l-UE hija impenjata li tippromwovi reġjun tal-Kawkasu tan-Nofsinhar li jkun sigur, stabbli, paċifiku u prosperu, għall-benefiċċju tan-nies kollha li jgħixu hemm;

1. Jilqa' b'sodisfazzjon u jinkoraġġixxi d-dinamika l-ġdida fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Armenja; jappella għall-implementazzjoni sostnuta tal-Aġenda ta' Sħubija UE-Armenja li għadha kif ġiet miftiehma, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li jiġu segwiti b'mod attiv u jinkisbu l-prioritajiet konġunti ambizzju ġiġi għall-kooperazzjoni; jemmen li sħubija sostanzjali bejn l-UE u l-Armenja hija eżitu loġiku tal-ġhażla tal-Armenja favur id-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-ġlied kontra l-korruzzjoni u r-rispett għall-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli;
2. Jilqa' l-impenn tal-Armenja li timplimenta s-CEPA u l-progress li għamlet fl-implementazzjoni tal-pjan direzzjonali tas-CEPA; jilqa' l-fatt li l-Gvern tal-Armenja jirrikonoxxi s-CEPA bħala pjan ta' azzjoni strateġiku għar-riformi fundamentali fl-Armenja; ifaħħar lill-Armenja għar-riformi sinifikanti u l-proċess ta' demokratizzazzjoni li wettqet f'dawn l-aħħar snin u, għalhekk, talli kisbet pożizzjoni fuq quddiem nett f'termini ta' demokrazija u fil-ġlied kontra l-korruzzjoni fir-reġjun; jitlob lill-Kunsill ta' Sħubija UE-Armenja jkompli jaħdem mill-qrib biex javvana r-riformi li għaddejjin bħalissa u tal-ġejjen;
3. Jappoġġja lill-Armenja fl-isforzi kontinwi tagħha biex timplimenta r-riformi u ssaħħa id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba; jitlob lill-Armenja tkompli tikkoopera mal-UE f'dan ir-rigward u jappella lill-UE żżid l-appoġġ f'dawn l-oqsma, b'mod partikolari l-appoġġ tekniku u l-iskambju ta' għarfien espert; iħeġġeġ l-impenn attiv tal-Armenja fil-politika tas-Sħubija tal-Lvant bħala mezz biex jitrawmu relazzjonijiet tajbin ta' viċinat fil-Kawkasu tan-Nofsinhar;
4. Japprezza l-appoġġ espress mill-Armenja lejn pajjiżi kandidati tal-UE bħall-Ukrajna, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Georgia; iqis li, jekk l-Armenja tkompli fit-triq tagħha ta' riformi sostnuti li jikkonsolidaw id-demokrazija tagħha u l-istat tad-dritt, dan jista' jwitti t-triq għal fażi trasformattiva fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Armenja, jekk l-Armenja tkun interessata;
5. Jappella biex l-UE u l-Istati Membri tagħha jirrikonoxxu l-progress li għamlet l-Armenja f'dawn l-aħħar snin fl-implementazzjoni tal-ftehimiet għall-faċilitazzjoni tal-viżi u ta' riċammissjoni, u biex iniedu djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża mal-Armenja ħalli jiġu appoġġjati l-kuntatti bejn il-persuni u jissaqħħu r-rabtiet bilaterali;
6. Josserva li f'dawn l-aħħar 10 snin, il-volum tal-kummerċ bilaterali bejn l-Armenja u l-UE żidet; jinkoraġġixxi lill-Armenja, lill-UE u lill-Istati Membri tagħha, kif ukoll lill-investituri u lill-kumpaniji Ewropej, jieħdu l-passi neċċesarji biex isaqħħu aktar ir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali tagħhom; ifaħħar is-suċċess tal-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment u jħeġġeġ lill-UE u lill-Armenja jkompli jingranaw l-investimenti kemm pubbliċi kif ukoll privati biex jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli fl-Armenja;
7. Jissottolinja r-rwol importanti tas-soċjetà ċivili fit-tiswir u fl-implementazzjoni tar-riformi fundamentali; jitlob lill-Gvern tal-Armenja jkompli jsaħħa il-kooperazzjoni tiegħi mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jitlob lid-delegazzjoni tal-UE għall-Armenja u lir-rappreżentanti tal-Istati Membri fl-Armenja jżidu l-appoġġ tagħhom għall-ħidma tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;
8. Jinsab imħasseb dwar l-indħil bla waqfien mir-Russja, inklużi kampanji ta' diżinformazzjoni fl-Armenja, immirati lejn l-awtoritajiet Armeni u lejn l-UE u l-Istati

Membri tagħha; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jaħdmu flimkien mal-awtoritajiet Armeni biex jiġi għieldu l-indħil malizzjuż barrani, inkluża d-diżinformazzjoni;

9. Ifaħħar il-ħidma tal-Missjoni ċivili tal-UE fl-Armenja; jilqa' r-rieda tal-Armenja li tiffaċilita l-missjoni fit-territorju tagħha; jieħu nota tar-rifjut kontinwu mill-Ażerbajġan li jaċċetta l-preżenza tal-missjoni tal-UE fuq in-naħħa tiegħu tal-fruntiera u l-kampanji permanenti ta' malafama li joriġinaw mill-Ażerbajġan kontra l-EUMA; jiddeplora l-fatt li l-gwardji tal-fruntiera Russi stazzjonati fl-Armenja mblukkaw lill-EUMA milli tasal fil-villaġġ ta' Nerkin Hand fejn erba' suldati Armeni nqatlu dan l-aħħar; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkomplu jsaħħu l-mandat tal-EUMA, iżidu d-daqs tagħha u jestendu d-durata tagħha;
10. Jikkundanna r-retorika xewwiexa li ntużat minn uffiċjali tal-Ażerbajġan kontra l-UE, l-Istati Membri tagħha, l-EUMA u l-awtoritajiet Armeni; jistenna li, f'każijiet bħal dawn, l-UE u l-Istati Membri tagħha jsejh lill-ambaxxaturi tal-Ażerbajġan li d-dikjarazzjonijiet regolari tagħhom ma jistgħux jitqiesu bħala mgħiba diplomatika aċċettabbli; jiddenunzja bil-qawwa t-tentattivi reċenti mill-Ażerbajġan biex jinterferixxi fil-politika nazzjonali ta' xi Stati Membri tal-UE;
11. Jappella lill-UE twieġeb b'mod favorevoli għat-talba tal-Armenja għal appoġġ permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi u tipprovd appoġġ lill-militar Armen; jilqa' l-azzjonijiet meħħuda minn Franza biex tipprovd appoġġ militari difensiv lill-Armenja u jħeġġeġ lill-Istati Membri jikkunsidraw inizjattivi simili;
12. Jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jżidu b'mod sostanzjali l-assistenza umanitarja u finanzjarja tagħhom lill-Armenja, li qed tospita għexieren ta' eluf ta' rifuġjati min-Nagorno-Karabakh; jilqa' l-EUR 5,5 miljun addizzjonali f'għajnejha umanitarja pprovduta mill-UE; itenni t-talba tiegħu lill-UE biex tgħin fl-istabbiliment u l-finanzjament ta' boroż ta' studju għal studenti li waslu min-Nagorno-Karabakh;
13. Iħeġġeġ lill-Armenja u lill-Ażerbajġan jieħdu passi kostruttivi ulterjuri fin-negożjati tagħhom u jiffirmaw trattat ta' paċi komprensiv mill-aktar fis possibbli, ibbażat fuq ir-rikonoxximent tas-sovranità, l-integrità territorjali u n-nuqqas ta' użu tal-forza; iħeġġeġ u jappoġġja aktar progress fl-attivitàajiet tal-kummissjonijiet għad-delimitazzjoni tal-fruntieri tal-Ażerbajġan u tal-Armenja sabiex jiġi ffinalizzat il-proċess għad-delimitazzjoni tal-fruntieri tal-Ażerbajġan u l-Armenja; jitlob liż-żewġ naħat jaħdmu flimkien biex ilestu l-proċess ta' tneħħija tal-mini;
14. Itenni l-appoġġ tiegħu għas-sovranità u għall-integrità territorjali kemm tal-Ażerbajġan kif ukoll tal-Armenja; itenni t-talba tiegħu li t-truppi tal-Ażerbajġan jiġu rtirati mit-territorju sovran kollu tal-Armenja; jirrifjuta u jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar id-dikjarazzjonijiet irredentisti u xewwiexa minn uffiċjali tal-Ażerbajġan li jheddu l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Armenja; jitlob lill-Ażerbajġan jafferma mill-ġdid l-impenn inekwivoku tiegħu għall-integrità territorjali tal-Armenja;
15. Iqis li, jekk l-Ażerbajġan iżomm lura milli jillibera t-territorju Armen jew jippenja ruħu f'azzjoni militari addizzjonali kontra l-Armenja, l-UE għandha tadotta minnufih sanżjonijiet immirati kontra dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-Ażerbajġan, inklużi projbizzjonijiet tal-viża, iffrizär tal-assi u kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-

importazzjonijiet tal-gass mill-Azerbajjan;

16. Jistieden lit-Turkija, lill-Pakistan u lil alleati oħra tal-Azerbajjan iżommu lura milli jalimentaw imġiba aggressiva minn Baku u jeżerċitaw l-influenza tagħhom bil-għan li n-negożjati għall-paċi jiġu konklużi malajr kemm jista' jkun;
17. Ma jaqbilx bis-sħiħ mat-ton ta' xi dikjarazzjonijiet reċenti mill-mexxejja tal-Kummissjoni u tal-Kunsill Ewropew li ferħu lill-President tal-Azerbajjan, Aliyev, li reġa' ġie elett mingħajr ma semmew in-nuqqas ta' demokrazija fl-Azerbajjan u kklassifikaw b'mod qarrieqi lill-Azerbajjan bħala sieħeb affidabbli; jafferma li dawn id-dikjarazzjonijiet ma jirriflettux il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea u qatt ma kellhom isiru fid-dawl tat-tindif etniku fin-Nagorno-Karabakh mill-Azerbajjan;
18. Jistieden lill-Azerbajjan jeħles u jimpenna ruħu favur amnestija wiesgħa għall-abitant kollha tan-Nagorno-Karabakh li ilhom arrestati mid-19 ta' Settembru 2023, fosthom dawk li qabel kienu uffiċjali mir-reġjun u l-oħrajn kollha li ġew arrestati qabel u wara d-19 ta' Settembru 2023, kif ukoll il-priġunieri tal-gwerra Armeni l-oħra kollha;
19. Jesprimi tħassib serju dwar il-preservazzjoni tal-wirt kulturali, reliġjuż u storiku fin-Nagorno-Karabakh wara l-eżodu massiv tal-Armeni tan-Nagorno-Karabakh; iħeġġeġ lill-Azerbajjan iżomm lura milli jeqred jew jibdel aktar l-oriġini tal-wirt kulturali, reliġjuż jew storiku fir-reġjun u minflok jistinka biex jippreserva, jipproteġi u jippromwovi din id-diversità rikka f'konformità mal-istandardi tal-UNESCO, l-Ordni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja tas-7 ta' Diċembru 2021 u l-impenji internazzjonali tal-Azerbajjan; iħeġġeġ lill-UNESCO tieħu azzjoni immedjata biex tippreserva u tipproteġi l-wirt kulturali Armen f'riskju fin-Nagorno-Karabakh; jappella biex tissahħħah il-kooperazzjoni bejn l-Armenja u l-UE fir-rigward tal-monitora għal-querda sistematika tal-wirt kulturali Armen (knejjes, monasteri, ċimiterji, monumenti, palazzi, etc.) mill-Azerbajjan, b'mod partikolari permezz tal-invloviment taċ-Ċentru Satellitari tal-UE;
20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, lill-Kunsill tal-Ewropa u lill-presidenti, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Armenja u tal-Azerbajjan.